PATERNITA

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001.**

**Kawza Numru. 3**
**Citaz. Numru. 190/97/RCP.**

**Carmel Grima**

**vs**

**Carmelo Borg u Direttur tat-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi skond ic-certifikat tat-twelid tieghu Numru progressiv 1857/1971 (Dokument A)' l-istanti gie

inskritt bhala iben Mary Grima u ta' missier mhux maghruf;

Illi kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza l-konvenut Carmelo Borg huwa l-missier naturali tal-istanti in kwantu gie koncepit minnu mir-relazzjoni li kellu ma' omm l-istanti;

L-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa l-iben naturali tal-konvenut Carmelo Borg;

(2) konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-attur Numru Progressiv 1857/1971 jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwit bil-kliem "Carmelo Borg" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess Carmelo Borg (Dokument 'B');

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti ma l-istess citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 12 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet;

2. Illi fi kwalunkw kaz, l-esponent m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 12 *et sequitur* tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmelo Borg a fol 24 tal-process fejn ecepixxa:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur stante li ghalkemm huwa veru li f'xi zmien l-istanti kellu relazzjoni ma' Mary Grima, hija kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra;

2. Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-attur korrettement jindika li l-missier mhux maghruf, u jekk illum jezistu mezzi biex il-missier isir maghruf, l-

ispejjez biex isir dan f'ebda kaz m'ghandu jbaghtihom l-eccipjent.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 24 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Novembru 1997; tal-10 ta' Marzu 1998; tat-23 ta' Gunju 1998; tat-2 ta' Novembru 1998; tas-26 t'April 1999; u tad-9 ta' Gunju 1999.

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa l-affidavit ta' Mary Grima a fol 33 tal-process; u l-ohra li permezz taghha gie ezebit l-affidavit ta' Emmanuel Grima a fol 39 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Frar 2000; tat-28 ta' April 2000; tat-23 ta' Gunju 2000; tad-29 ta' Novembru 2000 fejn Dr Sciberras informa lill-Qorti li hlief ghall-affidavits m'ghandux provi aktar; tal-20 ta' Frar 2001 fejn Dr Aaron Mifsud Bonnici halla dokument mar-Registratur (Dok CB1) u Dr Sciberras iddikjara li rrinunzja ghall-produzzjoni bhala prova tal-konvenut. Inghata digriet tal-affidavits tal-konvenut u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-konvenut Carmelo Borg a fol 56 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 t'April 2001 fejn Dr Aaron Mifsud Bonnici msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Lulju 2001 anke peress li l-kawza kienet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti li lanqas biss dehru. Aktar tard deher Dr A Mifsud Bonnici li ha konjizzjoni tal-verbal.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jippretendi li jkun hemm dikjarazzjoni li l-konvenut huwa l-missier naturali tieghu; u kwindi, ghandu jkun hemm bdil fl-att tat-twelid tieghu biex jirrispekja tali stat ta' fatt.

Illi l-konvenut Carmelo Borg fl-eccezzjonijiet tieghu sostna li ghalkemm hu minnu li f'xi zmien huwa kellu relazzjoni m'omm l-attur pero` hi kella relazzjonjiiet ma rgiel ohra.

Illi fl-affidavit taghha **Mary Grima**, omm l-attur qalet li meta kellha 18-il sena bdiet tohrog mal-konvenut u tali

relazjoni damet circa 28 sena li skond kif qed issostni twieled l-uniku iben taghha cioe` l-attur. Hi qalet li meta kellha tlett xhur tqala l-konvenut telaqha pero` imbaghad regghu irrangaw. Hi qalet li lit-tifel kien ighozzu bhala tieghu u sahansitra jixtrilu rigali. Hija qalet li huma kienu jghixu separatament pero` spjegat ukoll li kienet ghamlet sentejn tiehu hsieb ommu li kienet marida u b'hekk kienet torqod u kellha c-cwievet tad-dar tieghu. Sakemm daret b'ommu t-tifel hallietu m'ommha.

Hi qalet li kienet semghetu jghid lil ohtu fuq it-telefon li kellu tifel mir-relazzjoni taghhom, u li kien hemm anki data ffisata ghaz-zwieg, pero` biddel il-hsieb. Spjegat li f'xi zmien il-konvenut marad u ddahhal l-isptar, u hi hadet anki lil ommu d-dar t'ommha. Wara saru arrangamenti sabiex ommu titiehed l-Inghieret. B'hekk regghet marret tghix id-dar, ftit xhur wara mietet ommu u hi u l-konvenut regghu ghall-hajja li kienu. Qalet li kienet marret toqghod St Andrews flimkien mat-tifel u l-konvenut kien imur kuljum, jiekol, jinhasel, tghaddilu hwejgu u mbaghad jitlaq. Darba minnhom telghala u qaltlu biex ma jmurx izjed. Hi nnegat li kellha relazzjonijiet ma rgiel ohra.

Xehed ukoll **Emanuel Grima**, z-ziju ta' l-attur u hu Mary Grima. Huwa jiftakar li ohtu kienet tiffrekwenta lill-konvenut. Wara li twieled l-attur, Mary Grima regghet bdiet tohrog u tiffrekwenta lill-konvenut. Irrefera ghal meta ommu marret tghix m'ommu, kif

ukoll li l-istess konvenut kien imur ghandhom u ohtu ssajjarlu. Huwa qal li l-konvenut *"kellu bokka bl-attur, jiehu gost jarah, jilghab mieghu, u jhobbu bhal kull missier iehor. Qatt ma rraguna jew qal li l-attur ma kienx ibnu."* Qal ukoll li meta ohtu marret toqghod St Andrews jaf li l-konvenut baqa' jmur ghandha qisu r-ragel taghha. Jaf li kienu ghamlu t-tnidijiet pero` z-zwieg qatt ma sar. Qal inoltre li kien hu stess li qal lill-konvenut biex ma jmurx aktar ghax kien irrovinielha hajjitha. Minn dak iz-zmien, xi 12-il sena ilu, qatt ma rega' mar ghandha. Fl-ahhar nett qal li meta ohtu kienet mal-konvenut qatt ma kellha rgiel ohra anke ghaliex il-konvenut kien jghir ghaliha. Lil ohtu dejjem mal-konvenut jafha.

Il-konvenut **Carmel Borg** xehed li meta kellu xi tnejn u tletin sena ltaqa' ma Mary Grima u bdew johorgu flimkien. Huma ma kienux joqghodu flimkien u ta' spiss kienu jispiccaw. Hu qal li meta hi ma kienitx tohrog mieghu hi kienet dejjem tohrog ma xi hadd iehor. Skond hu meta darba ma kienitx mieghu Mary Grima harget tqila. Hi kienet tohrog ma hafna guvintur. Ghalkemm hi kienet qaltlu li t-tifel kien tieghu izda peress li hu kien jaf li kienet tohrog ta' spiss ma guvintur ohra qatt ma seta' jkun zgur ta' min kien dan it-tifel. Huwa sostna li wara li twieled it-tifel hu baqa' johrog maghha izda mhux minhabba t-tifel. It-tifel kienet tiehu hsiebu hi wahedha ghax hu ma kienx ihossu obbligat minhabba li ma kienx jahseb li t-tifel hu tieghu. Xehed ukoll li meta hi marret tghix

m'ommu hi bdiet tisfurzah biex jizzewgu u hu ma riedx, ghalkemm precedentement hu kien qalilha iva sabiex tmur tiehu hsieb lil ommu.  Kienet hi li kienet tigri warajh u darba kienet qaltlu biex jibda jmur id-dar taghha u jiekol hemm.  Hu kien ihallasha ta' l-ikel. Pero` hu qatt ma qies lill-attur bhala ibnu u ma kienx imur ghandha ghalih.  Dam xi sentejn u mbaghad wara ma baqax imur aktar ghandha.  Dan ilu xi seba' snin.  Qal li gieli kellmu lill-attur pero` la hu qatt ma kkunsidrah bhala missieru u lanqas il-konvenut qatt ma ttrattah bhala ibnu.

Illi din l-azzjoni ittentata mill-attur hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna rigwardanti l-filjazzjoni naturali u cioe`:

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben

legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propositu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fisika ma tirrizultalax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher*

*li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien presenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77** fejn fl-**artikolu 77** jinghad:

*"Il-legitimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minna".*

Illi kwindi l-azzjoni odjerna taqa' taht it-tieni azzjoni msemmija aktar il fuq. Illi tenut kont tal-provi migjuba quddiemha din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddikjara li l-konvenut Carmelo Borg huwa l-missier naturali tal-attur u kwindi wisq anqas li l-att tat-twelid tal-attur jigi b'xi mod mibdul.

Illi mix-xhieda ta' Mary Grima rrizulta li verament kien hemm relazzjoni bejnha u bejn il-konvenut li damet ghal snin twal. L-istess konvenut ma nnegax din ir-relazzjoni. Pero` ma dan kollu dan ma jfissirx li huwa l-missier naturali ta' l-attur. Irrizulta li kien hemm intimita` pero` ma rrizultax lanqas li kien hemm qatt xi forma ta' familja bejniethom. Kwindi ladarba l-materja

li ghandha quddiemha l-Qorti hija wahda delikata u pjuttost serja ghaliex timporta r-rikonoxximent ta' paternita` li minnha jirrizultaw certi obbligi, doveri u drittijiet certament il-Qorti ma tistax tistrieh fuq provi cirkostanzjali. Dan qed jinghad aktar u aktar meta ma jirrizultax li Mary Grima kellha relazzjonijiet biss mal-konvenut u anke ghaliex fil-provi jirrizulta li l-konvenut qatt ma kkunsidra lill-attur bhala ibnu u fil-fatt qatt ma mantnih.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tichad it-talbiet attrici** tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Borg.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**5 ta' Lulju, 2001**